**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**Illum 06 ta' Ottubru, 2020**

**Rikors Guramentat Nru: 96/2018 AF**

**Mario u Suzanne konjugi Schembri**

**vs**

**L-Avukat Generali u fil-verbal tat-30 ta' April 2019, il-Qorti laqghet it-talba u ordnat li jissejjhu fil-kawza Dr. Anthony Galea Debono u Vivian Galea Debono, Dr. Leslie Cuschieri u l-PL Luisa Tufigno, Kuraturi Deputati in rappreżentanza ta' James Palmer u s-Supretendent tal-Isptar San Luqa, u t-Tabib Principali tal-Gvern**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Mario u Suzanne konjugi Schembri, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

M'hemmx dubbju li l-element essenzjali li jnebbah il-kazistika tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem (minn issa 'l quddiem riferit bhala l-Qorti Ewropeja) fir-rigward tal-garanziji generali kontemplati mill-Artikolu 6(1) u tal-garanziji specifici previsti mill-Artikolu 6(3)d tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (minn issa 'l quddiem riferit bhala l-Konvenzjoni) hi li *inter alia* meta dawn il-garanziji jigu miksura fil-kors ta' process civili jew penali dan johloq zbilanc processwali bi pregudizzju ghal wahda mill-partijiet in kawza u li dana l-istat ta' fatt isahhah l-posizzjoni legali tal-parti l-ohra involuta fil-process. F'dawn ic-cirkostanzi l-izbilanc processwali li jkun avvera ruhu jkun lesiv ghad-drittijiet fondamentali tal-parti pregudikata billi jimmina l-htiega essenzjali li kull parti jkollha "equality of arms" f'tali process b'referenza ghall-parti l-ohra. Naturalment f'kaz li l-andament ta' process jisfa zbilancjat dan ikun jimplika necessarjament li l-process ikun menomat billi dik il-parti li tkun ibbenefikat mill-izbilanc li jkun ikkaratterizza lil dak il-process tkun giet ivvantaggjata indebitament bi pregudizzju ghall-parti l-ohra u dan bi ksur tal-principju tal-"equality of arms". Huwa f'dan is-sens li tali process ma jkunx jista' jigi karaterizzat bhala "gust" konsidrat fil-kuntest tad-dicitura wzata fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni (inkluz fit-test Ingliz).

Kif ser jintwera permezz ta' dan l-att u fil-kors tat-trattazzjoni ta' din il-kawza l-garanziji kontemplati mill-Konvenzjoni u mill-Kostituzzjoni f'dan ir-rigward sfaw miksura fid-dawl ta' ghadd ta' decizjonijiet mehuda mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (minn issa 'l quddiem riferita bhala l-Qorti kompetenti) fil-kors tas-smigh tal-kawza fl-ismijiet "Mario Schembri et vs Dr Anthony Galea Debono et" (Rik. Gur. 2319/2000LSO)) kif aktar 'l isfel riferit. Però qabel r-rikorrenti jghaddu biex jittrattaw il-pretenzjonijiet taghhom, jixtiequ jenfasizzaw li huma mhumiex qed jikkontestaw id-decizjonijiet tal-Qorti kompetenti fis-sustanza taghhom bhala forma ta' Appell kif spiss jigi

argumentat mill-Avukat Generali f'kazijiet konsimili. In effetti huma qed jitolbu rimedju fil-konfront ta' dawn id-decizjonijiet billi qed jikkontendu li l-istess kumulattivament, **kellhom l-effett li jiehdu d-drittijiet fondamentali taghhom kif imharsa mill-Konvenzjoni u mill-Kostituzzjoni proprju ghax holqu zbilanc processwali li kellu l-effett li jivvantaggjaw lill-konvenuti bi pregudizzju ghall-esponenti in vjolazzjoni tal-principju tal-"equality of arms"**.

Jirrizulta li fil-25 ta' Lulju 2017, ir-rikorrenti ressqu xhud indikat minnhom meta gie intavolat ir-rikors promotur originarjament u cioè Dr. Charles Gauci, liema xhud xehed quddiem l-Assistant Gudizzjarju nominat mill-Qorti kompetenti. Bhala fatt d-difensur tal-konvenut Dr. Anthony Galea Debono ma kienx attenda ghal din is-seduta u ghalhekk ma kienx ghamel il-kontro-ezami ta' dan ix-xhud. Gara li fil-11 ta' Settembru 2017 il-konvenut Dr. Galea Debono kien ressaq rikors li permezz tieghu talab l-isfilz tax-xhieda ta' Dr. Gauci, li kif jirrizulta mix-xhieda tieghu stess huwa professjonist rinomat fuq skala trans-nazzjonali fil-qasam tal-Pain Management. Ghandu jigi rilevat li huwa evidenti li l-istrategija legali tal-konvenut hi li ma jaghmel ebda kontro-ezami qabel l-atturi jaghlqu l-provi taghhom kif jirrizulta mill-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju u sahansitra lanqas ipprezenta l-affidavit tieghu minkejja li gie mistieden mill-Qorti kompetenti fir-rigward u dan biex ma jaghtix hjiel dwar il-posizzjoni legali li ser jadotta. Huwa proprju ghalhekk li l-konvenut Dr. Galea Debono ghazel li jostakola u jxekkel lill-esponenti fil-produzzjoni tax-xhieda taghhom liberalment billi flok jaghmel il-kontro-ezami ta' Dr. Gauci ghazel li jitlob l-isfilz tax-xhieda tieghu b'mod integrali ghal ragunijiet vessatorji u legalment infondati. Dina l-istratagemma legali kienet evidentement intiza b'mod generali biex tizbilancja l-process favur l-interessi tal-konvenut u b'mod specifiku li timmina d-dritt tal-esponenti li jressqu x-xhieda taghhom minghajr ma jkunu soggetti ghal ostakoli ingusti fl-ezercizzju ta' tali dritt. Mhemmx dubbju li l-istratagemma legali riferita fil-fazi ezekuttiva taghha, kienet ser twassal biex il-principju tal-"equality of arms" li ghandu jikkaratterizza kull process, jigi menomat.

Dina l-istratagemma kienet tinkludi wkoll id-de-legittimazzjoni tal-Assistent Gudizzjarju. F'dan ir-rigward ghandu jigi precizat li l-konvenut kienu ilu jittenta biex jissospendi l-inkarigu ta' Assistent Gudizzjarja kif jidher mill-konvenut ta' rikors prezentat mill-esponenti fil-5 ta' Mejju 2016 li inter alia tirreferi ghall-allegazzjoni li kienet tressqet mill-istess konvenut waqt is-seduta tat-12 ta' April 2016 mizmuma quddiem il-Qorti kompetenti fis-sens li l-Assistent Gudizzjarju ma kienitx qed izomm seduti regolarment mentri dan ma kienx il-kaz. Di fatti wara li xehed Dr. Gauci l-konvenut talab is-sospensjoni tal-inkarigu tal-Assistent Gudizzjarju abbazi tal-allegazzjoni gratuwita li l-assitent gudizzjarju allegatament kienet ippermettiet li jinghataw twegibiet li setghu jikkostitwixxu hearsay minkejja li skond il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju l-istess fattwalment kienet weriet li fil-fehma taghha uhud mit-twegibiet li kienu inghataw minn Dr. Gauci setghu jammontaw ghal hearsay (ghalkemm kif ser jintwera l-esponenti ma jaqblux ma dina l-impostazzjoni li in effetti giet adottata mill-Qorti kompetenti). Minkejja dan, it-talba tal-konvenut Dr. Galea Debono biex l-inkarigu tal-Assistent Gudizzjarju jigi revokat giet milqugha mill-Qorti kompetenti.

Wara l-prezentata ta' rikors riferit mill-konvenut Dr. Galea Debono fil-11 ta' Settembru 2017 ir-rikorrenti odjerni ressqu risposta fis-sens li fl-isfond tad-disposti tal-Artikoli 598(1) u (2) u 599 tal-Kodici ta' Procedura Civili t-talba dedotta mill-konvenut Dr. Galea Debono kellha tigi michuda, tenut kont li din ir-risposta kienet kjarament fil-parametri tal-interpretazzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali elaborata f'sentenza moghtija fit-13 ta' Jannar 1988 fil-kawza fl-ismijiet Joseph Mary Vella et vs Il-Kummissarju tal-Pulizija liema sentenza kienet koerenti u in linea mal-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Appell imfissra f'sentenza moghtija minn dik l-Onorabbli Qorti fis-27 ta' Marzu 1936 fil-kawza fl-ismijiet Francesco Seychell et vs Antonio Seychell riferita b'approvazzjoni mill-Qorti tal-Appell fil-kawza Onor. Gerald Strickland vs Goffredo Chriien pro et noe f'sentenza moghtija fit-13 ta' Frar 1937 b'referenza ghall-import tal-imsemmija disposizzjonijiet (ghalkemm f'din ir-risposta ma kienitx saret referenza ghal din il-gurisprudenza) molto più meta jitqies li n-neurokirurgu Mr. Neil Garvin li kien

residenti fir-Renju Unit u li ghalih saret referenza minn Dr. Charles Gauci fix-xhieda tieghu, m'ghadux jipprattika u ma setax jigi rintraccjat mill-esponenti tenut kont li Garvin kien xhud principali tal-esponenti.

In segwitu, b'digriet moghti mill-Qorti kompetenti fit-8 ta' Jannar 2018 l-isfilz tax-xhieda ta' Dr. Gauci giet ordnata u dik l-Onorabbli Qorti accettat ukoll it-talba tal-konvenut biex Dr. Gauci jerga jigi ri-prodott biex jixhed mill-gdid quddiem il-Qorti kompetenti u dan minkejja li l-konvenut ma kienx intitolat li jitlob ir-riproduzzjoni ta' xhud tal-esponenti billi huma ghandhom arbitrarju assolut fid-decizjoni li tirrigwarda l-produzzjoni tax-xhieda taghhom. Semmai l-Qorti kompetenti kellha s-setgha li tordna lill-atturi biex jirregolaw ruhhom dwar jekk kienux ser jergghu jirriproducu lil Dr. Gauci.

Bhala fatt id-decizjoni tal-Qorti kompetenti li tordna l-isfilz tax-xhieda ta' Dr. Gauci ma kienitx ibbazata fuq l-insenjament li jirrizulta mis-sentenzi moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali u mill-Qorti tal-Appell aktar 'l fuq citati, izda dik l-Onorabbli Qorti strahet fuq silta misluta minn sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali (per l-Onor. Imhallef Lawrence Quintano) li kienet tikkonsisti f'definizzjoni moghtija mill-Qrati Inglizi f'dak li jirrigwarda l-kuncett tal-hearsay. Din id-definizzjoni giet kwotata mill-Qorti kompetenti b'referenza ghall-interpretazzjoni li ghandha tinghata lill-artikoli 598 u 599 tal-Kodici ta' Procedura Civili u ghalhekk l-import tas-sentenzi riferiti moghtija rispettivament mill-Qorti Kostituzzjonali u mill-Qorti tal-Appell espressament fil-konfront tat-tifsira li ghandha tinghata lil dawn id-disposizzjonijiet giet assolutament skartata u ma gietx konsidrata b'ebda mod.

Fl-isfond tal-ghoti tad-digriet surriferit fit-23 ta' Jannar 2018 l-esponenti pprezentaw rikors iehor li permezz tieghu talbu li jigu awtorizzati biex jappellaw mid-digriet moghti fit-8 ta' Jannar 2018 quddiem il-Qorti tal-Appell, u f'dina l-okkazjoni huma ccitaw testwalment siltiet mis-sentenzi moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali u mill-Qorti tal-Appell riferiti supra u dan biex jimmotivaw it-talba taghhom aktar 'il fuq citata. Bhala fatt gew prezentati zewg risposti; wahda mill-konvenut Dr. Galea Debono u ohra mit-Tabib Principali tal-Gvern li huma identici fl-

izvolgiment tal-argumenti migjuba 'l quddiem permezz ta' danw ir-risposti. Filwaqt li meta l-konvenut Dr. Galea Debono kien ipprezenta r-rikors originali fil-25 ta' Lulju 2017 kienet saret referenza ghall-kwistjoni tal-hearsay, ir-risposti prezentati mill-istess konvenuti Galea Debono u t-Tabib Principali tal-Gvern kienu jammontaw prettament ghal distrazzjoni billi minflok irreferew ghall-kontenut tas-sentenzi kwotati mill-esponenti moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali u mill-Qorti tal-Appell, b'referenza ghall-kuncett tal-hearsay spostaw l-argument originali referibbilment ghall-hearsay ghall-allegazzjoni gratuwita u assolutament irrilevanti fis-sens li l-esponenti kienu qed jirreklamaw "id-dritt li jaghmlu domandi li jwasslu ghal twegibiet bazati fuq hearsay". Effettivament imkien fir-risposta prezentata mill-esponenti bi twegiba ghar-rikors prezentat mill-konvenut Dr. Galea Debono fil-11 ta' Settembru 2017 jew fir-rikors prezentat mill-esponenti fit-23 ta' Jannar 2018 ma jirrizultaw li huma ressqu din it-tezi fazulla. In effetti t-tezi tal-esponenti kienet esklussivament dwar jekk ix-xhieda ta' Dr. Gauci kienet ammissibbli fl-isfond tad-disposti tal-Artikolu 598 u 599 tal-Kodici tal-Procedura Civili u tal-kazistika tal-Qorti Kostituzzjonali u tal-Qorti tal-Appell fir-rigward tal-kuncett tal-hearsay. Però huwa palez li l-iskop tal-imsemmija konvenuti kien wiehed strumentali u kien intiz biex abbazi ta' dana l-argument fazull huma setghu jinvokaw id-disposti tal-artiklu 229 (1)e tal-Kodici ta' Procedura u b'hekk jikkontendu li t-talba tal-esponenti biex iressqu appell minn digriet moghti mill-Qorti kompetenti fis-6 ta' Jannar 2018 skond kif provdut mill-artikolu 229 (3) tal-imsemmi Kodici kienet "irritwali, frivola, vessatorja u bla bazi fil-Ligi".

Sussegwentement b'digriet moghti mill-Qorti kompetenti fis-26 ta' April 2018 l-argumenti kollha sollevati mill-konvenuti gew milqugha inkluz l-argument referit fil-paragrafu precedenti u dan johrog b'mod l-aktar palez mill-ahhar paragrafu ta' dan id-digriet li huwa fis-sens li "…appell minn digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba biex isiru mistoqsijiet lix-xhud jista' jsir biss wara l-ghoti tas-sentenza definittiva…", b'mod li l-Qorti kompetenti tat effett lit-tezi infondata tal-konvenut Dr. Galea Debono (riferita fit-tieni paragrafu tad-digriet moghti fit-8 ta' Jannar 2018) fis-sens illi permezz tad-digriet tat-8 ta' Jannar

2018 il-Qorti kompetenti "kienet ivvjetat li jsiru domandi lix-xhud li jwasslu ghal xhieda tan-natura ta' dictum de dicto".

Effettivament, kif jirrizulta mir-rikors tal-esponenti prezentat fit-23 ta' Jannar 2018, l-pretenzjoni taghhom ma kienitx biex isiru domandi lil xi xhud izda biex ix-xhieda già moghtija minn Dr. Gauci ma tigix sfilzata fl-isfond tal-interpretazzjoni li kienet inghatat fil-kazistika citata mill-esponenti b'referenza ghal artikoli 598 u 599 tal-Kodici ta' Procedura Civili.

Fl-ahhar nett ghandu jigi enfasizzat li l-Qorti kompetenti f'ebda stadju ma ghamlet referenza ghal kazistika kwotata mill-esponenti la permezz ta' digriet moghti fit-8 ta' Jannar 2018 u lanqas permezz tad-digriet moghti fis-26 ta' April 2018 u dan b'referenza ghall-interpretazzjoni li ghandha tinghata lill-artikoli 598 u 599 tal-Kodici ta' Procedura minn fejn jirrizultaw direttivi cari u inekwivoci dwar it-tifsira li ghandha tinghata lil dawn id-disposizzjonijiet.  Mhemmx dubju li fl-isfond ta' din il-kazistika kif ukoll tal-provvedimenti tal-artikoli 598 u 599 tal-Kodici ta' Procedura Civili ma kienx hemm lok ghall-isfilz tax-xhieda ta' Dr. Charles Gauci.

Apparti s-suespost il-Qorti kompetenti, permezz tad-digriet moghti fit-8 ta' Jannar 2018, iggustifikat l-isfilz tax-xhieda ta' abbazi tal-pretest li Dr. Charles Gauci kien "ta l-interpretazzjoni tieghu dwar id-dijanjosi moghtija minn konsulenti ohra liema opinjoni certament tmur oltre l-linji stabbiliti minn din il-Qorti u jispetta lill-esperti nominati minnha f'din il-kawza" (vide fol. 3 paragrafu 3 tal-imsemmi digriet).  L-istess konkluzjoni giet raggunta fid-digriet moghti minn dik l-Onorabbli Qorti fi-s26 ta' April 2018 (vide fol. 3 paragrafu 2 tal-istess digriet).

Però bhala fatt ix-xhieda ta' dan ix-xhud tal-esponenti ma oltrepassatx il-parametri ta' ebda provvediment moghti mill-Qorti kompetenti fil-mori tal-kawza u li jikkostitwixxi linja gwida, stabbilit minn dik l-Onorabbli Qorti fir-rigward tal-mod u maniera kif kellhom jiddeponu ix-xhieda medici prodotto mill-esponenti li bhala tali stante li ukoll esperti fil-branka medika, li fiha jipprattikaw, huma xhieda ex parte tar-relazzjoni professjonali taghhom mal-attrici.  Dawn ir-rizultanzi effettivament ikunu jammontaw ghal opinjonijiet ta' dawn ix-

xhieda ex parte formati fil-kors tar-relazzjoni professjonali taghhom mal-attrici li però huma permessi mill-Ligi. Di fatti l-Qorti kompetenti kienet ghamlet referenza ghar-rwol tax-xhieda medici ex parte tal-attrici f'digriet moghti fit-13 ta' Novembru 2014 a fol. 4 paragrafu 3 li timplika li ghalkemm r-rwol tax-xhieda medici ex parte tal-esponenti li jaghtu l-opinjonijiet medici taghhom abbazi tar-risultanzi taghhom fil-kors tar-relazzjoni professjonali taghhom mal-attrici ma kienitx qed tigi cirkoskritta b'ebda mod fil-parametri tal-artikolu 563A (1) tal-Kodici ta' Procedura Civili però l-Qorti kompetenti, wara li awtorizzat lix-xhieda medici tal-attrici biex jiddeponu billi x-xhieda taghhom setghet kienet materjali u ghalhekk relevanti ghall-esitu tal-kawza però ipprovdiet li l-esperti medici nominati minnha ma kellhomx jigu nfluwenzati mill-opinjonijiet tax-xhieda medici ex parte tal-esponenti fl-isfond tad-disposti tat-tielet sub-inciz tal-artiklu 563 tal-Kodici ta' Procedura. Apparti 'l fuq espost lanqas ma jirrizulta mid-digriet moghti fis-16 ta' Lulju 2015 li r-rwol tal-esperti medici ex parte prodotti mill-esponenti gie assoggettat ghal xi linja gwida jew ghal xi modalitajiet partikolari li jesulaw mill-parametri tad-disposizzjoni aktar 'il fuq riferita.

Ghalkemm il-Qorti kompetenti sahqet li Dr. Gauci kien lissen hafna opinjonijiet dwar id-dijanjosi ta' professjonisti medici ohra dan ma kienx il-kaz billi x-xhud insista darba tnejn fil-kors tax-xhieda tieghu li huwa kien semplicement qed jirrepeti dak li kien irrivelalu n-neurokirurgu Mr. Neil Garvin u insista li huwa ma kienx qed jallega li l-esponenti kienet affetta minn kondizzjoni medika riferita bhala atypical facial pain. Konsimilment b'referenza ghal Mr. Falconerelli huwa kirurgu maxillofacial u li ghalhekk huwa espert fil-funjonament tax-xedaq u ta' ambjent fizjologici relatati mal-wicc kif jirrizulta ictu oculi minn qari tax-xhieda ta' Dr. Gauci f'dan ir-rigward moghti waqt is-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju fil-25 ta' Lulju 2016 huwa irrepeta dak lilu rilevat mill-istess Mr. Neil Garvin fis-sens li l-esponenti ma kellha ebda problema fil-funzjonament tax-xedaq u f'dan ir-rigward Dr. Gauci esebixxa fax li kien baghtlu Dr. Garvin li inter alia kien jinkludi referenza ghal konkluzjonijiet tal-imsemmi Mr. Falconer u ghalhekk assolutament ma kienx il-kaz li Dr. Gauci ta xi opinjoni dwar

din il-materja izda sempliciment irrepeta dak li kien gie lilu rilevat minn Mr. Garvin inter alia permezz tal-fax riferit.

Ghalhekk, id-decizjoni tal-Qorti kompetenti f'dan ir-rigward fis-sens li ordnat l-isfilz tax-xhieda ta' Dr. Gauci anke fl-isfond ta' dak li ghadu kif gie rilevat, minghajr ebda raguni fondata u minghajr ebda referenza dwar x'kienu l-provvedimenti/linji gwida tal-Qorti kompetenti li gew oltrepassati u ghalhekk minghajr ebda motivazzjoni, kellha l-effett evidenti li tizvantaggja lill-esponenti indebitament u fl-istess hin tiggova l-posizzjoni legali tal-konvenuti stante li l-isfliz tax-xhieda tal-imsemmi Dr. Gauci saret arbitrarjament b'mod li ma setghetx kienet gusta.

Fl-isfond tas-suepost huwa palez li in vista ta' sensiela ta' decizjonijiet li ttiehdu mill-Qorti kompetenti aktar 'il fuq indikati, il-kwateli kontemplati mill-Artikolu 6 (1) u 6 (3)d tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 (1) u (2) u 6(d) tal-Kostituzzjoni ma gewx moghtija effett b'mod li d-drittijiet fondamentali tal-esponenti sfaw palesament vjolati.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tirrevoka, thassar u tannulla d-digriet moghti mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-8 ta' Jannar, 2018 fil-mori tal-kawza fl-ismijiet Mario Schembri et vs Dr. Anthony Galea Debono et noe (Rik. Gur. 2319/2000LSO).

2. Tirrevoka, thassar u tannulla, jekk ikun il-kaz, id-digriet moghti mill-istess Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' April 2018 fil-kors tas-smigh tal-kawza Mario Schembri et vs Dr. Anthony Galea Debono et noe (Rik. Gur. 2319/2000LSO).

3. Tirrevoka, thassar u tannulla decizjonijiet ohra mehuda mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, riferiti fil-korp tal-presenti att gudizzjarju, waqt is-smigh tal-kawza fl-ismijiet Mario Schembri et vs Dr. Anthony Galea Debono et noe (Rik. Gur. 2319/2000LSO).

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali, illum l-Avukat tal-Istat, li permezz tagħha eċċepixxa illi:

Il-lanjanza tar-rikorrenti hija msejsa fuq l-allegazzjoni li fil-proċeduri ċivili ordinarji fl-ismijiet "Mario Schembri et vs Dr Anthony Galea Debono et" (rikors mahluf numru 2319/2000 LSO) ma kienx imħares id-dritt ta' smigħ xieraq spettanti lill-intimati f'dik il-kawza bi ksur tal-Artikolu 6 (1) u 6(3)(d) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, u l-Artikolu 39(1) u (2) u 6(d) tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Illi f'dawn il-proċeduri r-rikorrenti qegħdin jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tirrevoka, tħassar u tannulla d-digriet mogħti mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-8 ta' Jannar 2018 fil-mori tal-kawża ċivili hawn fuq ċitata, tirrevoka, tħassar u tannulla jekk ikun il-każ id-digriet mogħti mill-istess Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' April 2018 fil-kors tas-smigħ tal-kawża ċivili hawn fuq ċitata u tirrevoka, tħassar u tannulla deċiżjonijiet oħra meħuda mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili riferiti fir-rikors in risposta, li ngħataw waqt is-smigħ tal-kawża ċvili hawn fuq ċitata.

Mit-talbiet magħmula fir-rikors in risposta jidher illi dak li qed jilmentaw minnu r-rikorrenti huma żewġ digrieti mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u cioè digriet tat-8 ta' Jannar 2018 u digriet tas-26 ta' April 2018. Fid-digriet tagħha tat-8 ta' Jannar 2018, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ordnat l-isfilz tax-xhieda ta' Dr. Charles Gauci u tad-dokumenti esebiti minnu u ordnat li x-xhud jissejjaħ quddiemha biex jerġa' jixhed mill-ġdid. Fid-digriet tagħha tas-26 ta' April 2018, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet it-talba tar-rikorrenti sabiex jappellaw mid-digriet tat-8 ta' Jannar 2018 qabel ma tingħata s-sentenza definittiva.

**<u>Eċċezzjonijiet Preliminari</u>**

L-artikolu 6(3)(d) tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem mhuwiex applikabbli għall-każ odjern u dan peress illi dan japplika biss fir-rigward ta' min ikun akkużat b'reat kriminali li mhuwiex il-każ hawn hekk.

L-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta lanqas ma hu applikabbli għal każ odjern u dan peress illi dan ukoll jirreferi

għal min ikun akkużat b'reat kriminali li mhuwiex il-każ hawn hekk.

Fir-rigward tal-sub-inċiż (d) tal-artikolu 6 tal-Kostituzzjoni ċitat mir-rikorrenti, l-esponent jirrileva illi dan is-sub-inċiż ma jeżistix fil-Kostituzzjoni u għaldaqstant ċertament illi r-rikorrenti ma jistgħux jallegaw ksur tiegħu.

Mingħajr preġudizzju għall-premess l-esponent jeċepixxi illi l-azzjoni odjerna hija intempestiva u dan peress illi dak li qed jilmentaw minnu r-rikorrenti jista' jiġi revokat u mħassar mill-Qorti tal-Appell jekk ir-rikorrenti jappellaw mill-imsemmija digrieti.

Jekk ir-rikorrenti mhumiex qegħdin jaqblu mar-raġunament jew mad-deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ma jistgħux jittantaw jużaw dawn il-proċeduri biex iddawwru jew jannullawhom u dan peress illi l-Qorti fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha ma tistgħax isservi bħallikieku kienet qorti tal-Appell. F'dan ir-rigward l-esponent jagħmel referenza għas-sentenza **Raymond Zammit vs l-Avukat Ġenerali**[1] deċiża fis-27 ta' Marzu 2013 fejn din l-Onorabbli Qorti ddeċidiet hekk:

> *"... il-Qorti tghid illi persuna huwa prekluz milli jirrikorri ghal din il-Qorti fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha bhallikieku kienet qorti tat-tielet grad ta` appell. Fis-sentenza taghha tat-28 ta` Dicembru 2001 fil-kawza "Fatiha Khallouf vs Kummissarju tal-Pulizija et" din ilQorti (PAK/VDG) qalet hekk –*
>
> *" ... F`dana l-paragrafu – riprodott aktar `l fuq f`dina s-sentenza – ir-rikorrenti bazikament qed tallega li l-aggravju sollevat minnha quddiem il-Qorti ta` l-Appell Kriminali dwar l-inammissibilita` tal-provi dokumentarji gie skartat minn dik il-Qorti. L-intimati jikkontendu, kemm fis-risposta taghhom (ara l-paragrafu 2 tar-risposta, aktar*

[1] Rikors Numru 57/2013.

*`l fuq f`din is-sentenza) kif ukoll fit-trattazzjoni quddiem din il-Qorti, li din il-Qorti – cioe` il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza taghha kostituzzjonali – m`ghandhiex il-funzjoni ta` "a court of third instance", fis-sens li terga` tirrevedi l-meritu tal-kawza ga deciza finalment mill-Qorti ta` l-Appell Kriminali.*

*L-intimati ghandhom ragun meta jikkontendu li din il-Qorti m`ghandhiex il-funzjoni ta` qorti ta` appell f`xi grad oghla mill-Qorti ta` l-Appell Kriminali. Ma hix il-funzjoni ta` din il-Qorti li tiddeciedi fuq jew tirrevedi il-provi mressqa quddiem il-Qorti Rimandanti u ezaminati minn dik il-qorti u finalment mill-Qorti ta` l-Appell Kriminali; anqas ma hu l-kompitu ta` din il-Qorti li tirrevedi d-decizzjoni tal-Qorti ta` l-Appell Kriminali dwar l-interpretazzjoni tal-ligi applikabbli ghall-proceduri li dik il-Qorti ta` l-Appell Kriminali kellha quddiemha, jew dwar l-interpretazzjoni ta` xi punt ta` dritt ta` natura strettament penali (bhlama hi, per ezempju, il-kwistjoni ta` l-ammissibilita` o meno ta` certi provi). Il-funzjoni ta` din il-Qorti hi limitata biex tara jekk gewx lezi o menu d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti kif protetti mill-Kostituzzjoni ta` Malta u mill-Konvenzjoni Ewropea (kif ukoll, kieku kien il-kaz, jekk hemmx lezjoni tas-subartikoli (1) u (2) tal-Artikolu 10 tal-Kap. 276 – ara l-Artikolu 16 tal-imsemmi Kap. 276)."*

Bl-istess analoġija, din l-Onorabbli Qorti m'għandiex il-funzjoni ta' qorti ta' appell li tisma' appelli ta' natura ċivili u għaldaqstant ir-rikorrenti lanqas ma jistgħu jirrikorru għal din l-Onorabbli Qorti bħallikieku kienet qorti tal-appell.

L-għoti tar-rimedju huwa marbut ma' allegat ksur tal-provedimenti kostituzzjonali u konvenzjonali u ġaladarba il-kontestazzjoni hija diretta kontra żewġ digrieti mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ma jistax jitlob rimedju f'tali kuntest.

**<u>Eċċezzjonijiet fil-mertu</u>**

Mingħajr preġudizzju għas-suespost l-allegazzjonijiet u fil-mertu, il-pretensjonijiet kollha tar-rikorrent huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti minn din l-Onorabbli Qorti.

L-esponent jirrileva illi l-iskop tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem huma intiżi li jassiguraw li matul il-proċess ġudizzjarju il-persuna in kwistjoni tkun ingħatat smiegħ xieraq u cioè opportunità xierqa illi tipparteċipa b'mod effettiv fil-proċeduri, tkun assistita, tressaq xhieda u tagħmel sottomissjonijiet. L-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem huma artikoli li jitrattaw l-proċedura fl-intier tagħha li tkun ġiet użata sabiex il-Qorti tasal għas-sentenza tagħha. Fil-każ odjern ma jirriżultax illi kien hemm xi nuqqasijiet li wasslu jiġi leż id-dritt tar-rikorrent għal smiegħ xieraq.

Fil-każ odjern jirriżulta illi bid-deċiżjonijiet tagħha l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ma vvantaġġjat illi ebda parti fil-proċeduri quddiemha u aġixxiet b'ħarsien sħiħ lejn il-prinċipju tal-equality of arms u dan kif ser jirriżulta mit-trattazzjoni ta' din il-kawża.

Il-kompitu ta' dina l-Onorabbli Qorti huwa li tanalizza l-kompatibilità tal-proceduri li minnhom qed jilmenta r-rikorrent mal-Konvenzjoni Ewropeja. Id-dritt ghal smigh xieraq ma jiggarantixix il-korrettezza tas-sentenzi fil-mertu izda jiggarantixxi biss il-harsien ta' certi principji procedurali (indipendenza u imparzjalità tal-Qorti u tal-gudikant, *audi alteram partem* u smigh u pronuncjament tas-sentenza fil-pubbliku) li jikkonducu ghall-amministrazzjoni tajba ghal gustizzja. Il-funzjoni tal-Qorti, fil-gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha, mhijiex wahda ta' revizjoni tas-sentenzi ta' Qrati ohra biex tara jekk gewx decizi b'mod tajjeb jew le izda l-gurisdizzjoni kostituzzjonali hija limitata ghall-funzjoni li tara jekk dawk is-sentenzi kisrux jew le d-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem jew tal-Kostituzzjoni. Illi anke fuq dan il-fattur wahdu, dina l-Onorabbli Qorti ghandha tasal ghall-konkluzjoni li tichad il-

lanjanza tar-rikorrenti kif mibnija fuq l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Isegwi għalhekk u fid-dawl tas-suespost ma jirriżulta ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u għalhekk l-allegazzjonijiet u t-talbiet tagħhom għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħhom.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat illi fl-udjenza tat-30 ta' April 2019 il-Qorti ordnat illi jissejħu fil-kawża l-partijiet kollha fil-kawża 2319/2000 JVC fl-ismijiet Mario Schembri et vs Dr Anthony Galea Debono et.

Rat ir-risposta tal-imsejjaħ fil-kawża Tabib Prinċipali tal-Gvern li permezz tagħha eċċepixxa illi:

L-esponenti t-tabib Principali tal-Gvern qieghed jiehu ruhu notifikat u jintavola dina r-risposta ghar-rikors tal-attur Mario Schembri li gie pprezentat nhar it-23 ta' Jannar tas-sena 2018, fejn talab ir-revoka tad-digriet moghti minn dina l-Onorabbli Qorti nhar it-8 ta' Jannar tas-sena 2018 li bih giet sfilzata x-xhieda ta' Dr. Charles Gauci stante li x-xhieda tieghu kienet tammonta *inter alia* ghal *detto del detto*.

Fuq dana l-punt in kwistjoni, l-esponenti jissoleva illi *a contrario* ta' dik li qieghed jigi ndikat mir-rikorrenti, d-digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti jirrigwardja c-cahda illi jsiru t-tip ta' domandi lix-xhieda li jwasslu ghal twegibiet bbazati fuq *hearsay*, u mhux ghall-admissibilità ta' xhieda li gejja mill-fomm kif gie ritenut mir-rikorrenti fir-rikors taghhom.

Barra minn hekk u dejjem kuntrarjament ghall-verzjoni attrici, l-Qorti accertat illi hi lesta illi tisma l-istess xhud prodott viva voce, *nonostante* dan hu permessibbli sakemm id-domandi illi jsiru u t-twegibiet illi jinghataw ikunu kkontrollati mill-Qorti kif presjeduta fil-kawza.

*Se mai*, l-artikolu li jinkwadra mal-fattispeci tal-kontenut tar-rikors, hu senjament l-artikolu 229(1)(e) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta'

Malta) li jitratta dwar jekk tintlaqax jew le talba biex isiru mistoqsijiet lil xhud abbazi tal-artikolu 587, u mhux ai termini tal-artikolu 229(3) kif gie espressament indikat mir-rikorrenti, u *dunque* r-rikors ghandu jigi michud.

*Se mai*, in vista tal-artikolu 229(1)(e) digriet jista' jigi appellat esklussivament wara s-sentenza definittiva, flimkien ma' appell minn dik is-sentenza. Illi tenut kont ta' dan, id-digriet li qieghed jigi attakkat ma jistax jigi meqjus bhala digriet definittiv peress li minnu nnifsu hu ta' natura provizorja intiz sabiex jirregola temporanjament is-sitwazzjoni fil-meritu bejn il-partijiet sakemm tinghata s-sentenza finali.

Subordinatament, il-konvenut jissotilena illi l-mod ta' kif inhu koncepit ir-rikors jissimbolizza dak li ilu mistenni fl-istadju tal-appell, u safrattant ma jimmeritax ebda motivazzjoni wahda sabiex tigi ggustifikata t-talba mertu tar-rikors, u cioè jekk ghandux jinghata permess biex isir appell mid-digriet.

Ghar-ragunijiet surriferiti jezistu ragunijiet ghaliex dina l-Onorabbli Qorti ghandha tichad ir-rikors minhabba li t-talba ghall-permess sabiex isir appell hi irrita, frivola, vestatorja u bla bazi tal-Ligi fil-finijiet u effetti kollha taghha.

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-appell mid-digriet surriferit ma huwiex appellabbli ghar-ragunijiet kollha premessi, u ghalhekk ghandu jigi michud bl-ispejjez kollha, u sussegwentement jigi kkonfermat id-digriet moghti minn dina l-Onorabbli Qorti.

Tant ghandu x'jissottometti a salvu u unur gudizzju ta' dina l-Onorabbli Qorti.

Rat ir-risposta ta' tal-imsejħin fil-kawża Dottor Anthony Galea Debono u Vivien Galea Debono li permezz tagħha eċċepew illi:

Dawn gew sintetizzati b'mod semplici u car, fit-twegiba tal-Avukat Generali u ghalhekk l-esponenti ma jhossu li jistghu jzidu xejn ta' utilità maghhom, hlief illi jinghad, illi wara l-Qorti Prim'Awla ordnat l-isfilz tax-xhieda tat-tabib Charles Gauci, dan rega' ingieb quddiem l-istess Qorti u instema' viva voce.

Kwindi hawn non si tratta ta' kaz fejn parti incahdilha dritt li tressaq xhud li kien mehtieg ghall-kawza taghha. Ix-xhud kellu jinstama' mill-gdid minhabba illi meta xehed quddiem assistent gudizzjarju, thalla jixhed b'mod mhux permess mill-ligi u xehed dwar diversi punti fuq detto del detto.

It-traskrizzjoni ta' dik ix-xhieda giet tassew u korrettement sfilzata in forza tad-digriet impunjat tat-8 ta' Jannar 2018. B'danakollu l-istorja ma waqfitx hemm. Ir-rikorrenti riedu jappellaw minn dan id-dgiriet ta' sfilz, u dik il-Qorti ukoll korrettement cahditilhom it-talba minhabba li l-artikolu tal-ligi ma jhallix illi jsiru appelli fuq smigh ta' xhieda jekk mhux wara s-sentenza tal-ewwel Qorti.

Effettivament li gara hu li x-xhud rega' nstama viva voce u r-rikorrenti kienu liberi li jaghmlulu d-domandi li riedu taht is-sorveljanza tal-Qorti, kif fil-fatt ghamlu.

## Id-Dritt

Fejn minn dan kollu johrog il-kwadru ta' nuqqas ta' smigh xieraq huwa misteru. Jekk forsi r-rikorrenti iridu jghidu illi l-artikoli tal-Kap. 12 li jiddisponu fhiex tikkostitwixxi xhieda ammissibbli jew inammissibbli; jew dawk l-artikoli li jiddeterminaw liema appelli mill-liema digrieti jistghu jsiru qabel is-sentenza tal-prim'istanza, humiex lezivi ta' dritt ghal smigh xieraq, dik hi haga ohra, u jekk iridu, r-rikorrenti jistghu jintentaw azzjoni f'dak is-sens, haga li mhux qeghdin jaghmlu permezz tar-rikors odjern.

Imma zgur dak li certament ma jistghux jaghmlu r-rikorrenti hu li jitolbu lil din il-Qorti biex tikkoregi interpretazzjoni ta' punt ta' ligi procedurali moghti mill-Qorti ta' gurisdizzjoni ordinarja. Dak hu kompitu BISS tal-Qorti tal-Appell. Proceduri dwar ilmenti dwar allegati lezjonijiet ta' drittijeg fondamentali ma jistghux jirrisolvu f'appell semplici dwar punt ta' ligi.

Ghalhekk mhux talli m'ghandhomx ragun fuq il-mertu ir-rikorrenti, izda iktar minn hekk dan hu wiehed mill-kazijiet fejn din il-Qorti ghandha tiddikjara minghajr tlaqtliq. Illi l-azzjoni hi

ntempestiva billi r-rikorrenti ma ezawrewx ir-rimedji ordinarji taghhom, li f'dan il-kaz huma rimedji accessibbli, u effettivi u ma hemm l-ebda pregudizzju billi dawn jigu ezercitati.

Li hu veru hu dan.  Ir-rikorrenti huma tnejn fl-età ta' iktar minn 70 sena.  Il-kawza kontra taghhom inbdiet 19-il sena ilu, u hi assolutament tal-misthija illi l-proceduri damu dan iz-zmien kollu u huma fil-fatt l-esponenti li qeghdin isofru lezjoni ta' dritt taghhom illi l-proceduri kontra taghhom f'kawza li del resto ma tipprezentax xi komplikazzjonijiet insoliti, ma nghalqitx fi zmien ragonevoli.  Huma infatti minn issa jirriservaw li jiehdu azzjoni dwar din il-lezjoni lampanti li qeghdin isofru huma stess, li ghaliha jahtu parti l-kbira l-istess rikorrenti li ilhom snin shah jitlajjaw biex jaghlqu l-provi taghhom u issa, biex iktar jintralcjaw il-proceduri, dahlu f'din l-avventura banali intiza biss biex tahli l-hin ta' kull min hu zvinturat li jinsab partecipi fiha.

Ghalhekk din il-Qorti mitluba li tiddeklina li tezercita il-gurisdizzjoni taghha minhabba n-nuqqas tar-rikorrenti li jezawrixxu r-rimedji ordinarji taghhom, u ghalhekk tichad it-talbiet; jew in difett, jekk ma tezercitax id-diskrezzjoni taghha hawn imsemmija, tiddikjara li l-azzjoni odjerna hi infondata fil-fatt u fid-dritt u hi frivola u vessatorja, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li huma minn issa stess ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-Avukat Dottor Leslie Cuschieri u l-Prokuratur Legali Louisa Tufigno bħala kuraturi deputati għall-assenti Robert Palmer li permezz tagħha eċċepew illi:

B'rikors tas-27 ta' Settembru 2018, ir-rikorrenti qed jitolbu r-revoka u t-thassir ta' zewg digrieti u decizjonijiet ohra moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet Mario Schembri et vs Dr. Anthony Galea Debono et – Rikors Guramentat 2319/2000LSO.

Skond it-talba rikorrenti ghandu jigi annullat id-digriet tat-8 ta' Jannar 2018 li bih giet sfilzata x-xhieda ta' Dr. Charles Gauci, liema xhieda kienet inghatat quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Maria Dolores Gauci, u talbu wkoll li jigi annullat ukoll id-digriet tas-26 ta' April 2018 li bih inghad li r-rikorrenti ma kellhomx dritt jappellaw mill-imsemmi digriet ta' Jannar 2018.

Ir-rikorrenti jilmenta li l-isfilz tax-xhieda ta' Dr. Gauci sabiex dan ix-xhud jinstema' direttament mill-istess Qorti, u d-digriet li bih giet michuda t-talba ghal biex isir appell, jikkostitwixxi ksur tad-dritt ghal smiegh xieraq.

In rigward tad-digriet tat-8 ta' Jannar 2018 l-esponenti itendu li jaqblu li xhieda moghtija validament quddiem assistent gudizzjarju m'ghandhiex tigi sfilzata: se mai l-istess xhud ghandu jingieb ghall-kontro-ezami direttament quddiem l-Imhallef sabiex jigi zgurat li x-xhieda moghtija tkun wahda skond il-ligi. Fid-dawl ta' dan, l-esponenti huma propensi li jikkoncedu li d-Digriet tat-8 ta' Jannar 2018 jaghti lok ghal kontestazzjoni. Però l-ligi Civili nnifisha taghti rimedju ghal min jigi aggravat bi sfilz ta' prova, u cioè li jsir appell fl-ahhar tal-kaz. F'dan l-istadju kien prematur ghar-rikorrenti li jitolbu rimedju qabel ma waslilhom iz-zmien propizju li jressqu l-ilment taghhom. Gialadarba l-ligi Civili tipprovdi rimedju, mhuwiex konsistenti li r-rikorrenti imorru ghal rimedju ulterjuri, u cioè ghal rimedju ta' indole kostituzzjonali.

In rigward tad-digriet tas-26 ta' April 2018 fejn giet michuda t-talba ghal biex isir appell, dik il-Qorti applikat il-ligi Civili kif inhi. Kieku ddecidiet mod iehor kienet tkun qed tikser id-disposizzjonijiet tal-ligi tal-Procedura. Jekk ir-rikorrenti ghandhom lment li l-ligi kif inhi qed tledilhom d-drittijiet taghhom ghal smiegh xieraq, allura t-talba kienet tkun trid tigi diretta lejn il-ligi in kwistjoni, però r-rikorrenti m'ghamlux dan, imma qed isostnu li d-digriet moghti fis-26 ta' April 2018 qed jiksrilhom id-dritt ghal smiegh xieraq. Il-Qorti hija tenuta timxi mad-dettami tal-ligi, u li timxi mal-ligi ma jista' qatt jissejjah ksur ta' smiegh xieraq. Dura lex, sed lex. Se mai, ghandha tkun il-ligi li ghandha tigi ccensurata u dikjarata anti-kostituzzjonali, mhux xi digriet ibbazat fuqha.

Ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrent kif dedotti ma jistghux jintlaqghu, b'rizerva ghal kull rimedju iehor li l-atturi jista' jkollhom fil-proceduri civili in rigward tal-ilment sollevat minnhom.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat illi permezz ta' dawn il-proċeduri, ir-rikorrenti qegħdin jitolbu lil din il-Qorti ssib illi ġie leż id-dritt fundamentali tagħhom għal smigħ xieraq kif sanċit permezz tal-artikolu 39(1), (2) u (6)(d) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) u 6(3)(d) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-proċeduri pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet Mario Schembri et vs Dr Anthony Galea Debono et (rikors ġuramentat numru 2319/2000 JVC). Speċifikament, qegħdin jilmentaw dwar żewġ digrieti li permezz tagħhom dik il-Qorti ordnat l-isfilz tad-deposizzjoni ta' xhud u ordnat lill-istess xhud jerġa jixhed quddiemha (l-ewwel digriet) u ċaħdet it-talba tar-rikorrenti sabiex jappellaw mill-ewwel digriet (it-tieni digriet).

L-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem jipprovdi illi:

> *"Fid-determinazzjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kullħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b' liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jistgħu jiġu esklużi mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurta nazzjonali f'soċjeta demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċita tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja."*

Inoltre, l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni jipprovdi illi:

> *"Kull qorti jew awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn*

*xi persuna quddiem qorti jew awtorità oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli."*

Mill-atti jirriżulta li bejn ir-rikorrenti u l-intimati kollha ħlief l-Avukat tal-Istat hemm proċeduri pendenti fl-ismijiet Mario Schembri et vs Dr. Anthony Galea Debono et. Fis-seduta tal-25 ta' Lulju 2016 xehed it-Tabib Dr. Charles Gauci quddiem l-Assistent Ġudizzjarju. Għal dik is-seduta ma kienx preżenti d-difensur tal-intimat it-Tabib Dr. Anthony Galea Debono. Meta waslet għandu t-traskrizzjoni tax-xhieda, Dottor Richard Galea Debono, għal intimat Dottor Anthony Galea Debono talab li din ix-xhieda tiġi sfilzata u x-xhud jerġa jixhed mill-ġdid peress illi skont hu, din ix-xiehda kienet miżgħuda b'illegalitajiet fosthom xhieda *detto del detto* u espressjonijiet u opinjonijiet li ma kinux f'lokhom. Wara li l-Qorti kkonċediet l-opportunità lill-partijiet l-oħra fil-kawża sabiex jippreżentaw ir-risposti tagħhom għar-rikors ta' Dottor Galea Debono, permezz ta' digriet tat-8 ta' Jannar 2018, il-Qorti laqgħet it-talba tal-intimat u ordnat l-isfilz tax-xhieda tat-Tabib Dr. Charles Gauci u ordnat li x-xhud jitressaq quddiemha sabiex jixhed.

Sussegwentement, ir-rikorrenti preżentaw rikors quddiem il-Qorti fejn talbu awtorizzazzjoni jappellaw minn dan id-digriet ai termini tal-artikolu 229(3) tal-Kap. 12. Permezz ta' digriet tas-26 ta' April 2018, il-Qorti ċaħdet it-talba tar-rikorrenti stante li '*appell minn digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba biex isiru mistoqsijiet lil xhud jista' jsir biss wara l-għoti tas-sentenza definittiva (art 229(1)(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Għaldaqstant, it-talba odjerna hija irritwali billi l-artikolu 229(3) tal-Kap. 12 ma japplikax.*'

Fis-seduta tal-21 ta' Frar 2019 reġa xehed viva voce quddiem il-Qorti bil-ġurament ix-xhud Dr. Charles Gauci.

Ir-rikorrenti jgħidu li minħabba dan l-episodju, fl-imsemmija proċeduri ġew leżi d-drittijiet fundamentali tagħhom għaliex seħħ ksur tal-prinċipju tal-*equality of arms* kif ukoll għaliex il-Qorti ddeċidiet ħażin meta ordnat l-isfilz tax-xhieda u sussegwentement meta ma laqgħetx it-talba tar-rikorrenti li

jappellaw mill-ewwel digriet. Huma qegħdin jitolbu għalhekk li din il-Qorti tirrevoka u tannulla dawn iż-żewġ digrieti.

In linea preliminari, l-Avukat tal-Istat u l-imsejjaħ fil-kawża Tabib Prinċipali tal-Gvern jeċċepixxu li l-artikolu 6(3)(d), 39(1) u 39(1)(d) mhumiex applikabbli għall-każ stante li ħadd mir-rikorrenti ma ġie akkużat b'xi reat kriminali. Mingħajr dubju, l-eċċepjenti għandhom raġun għaliex l-imsemmija artikoli ma jsibu l-ebda applikazzjoni fil-każ tal-lum.

L-intimat Avukat tal-Istat u l-imsejħin fil-kawża imbagħad jeċċepixxu li l-azzjoni hija intempestiva peress illi dak li qegħdin jilmentaw minnu r-rikorrenti jista' jiġi mħassar mill-Qorti tal-Appell jekk ir-rikorrenti jappellaw mid-digriet tat-8 ta' Jannar 2018 wara s-sentenza finali. Ikomplu billi jgħidu li proprju għalhekk, ir-rikorrenti għandhom rimedju ordinarju disponibbli għalihom u li allura l-Qorti għandha tiddeklina milli tkompli tisma' din il-kawża fit-termini tal-proviso tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni tal-artikolu 4(2) tal-Kap. 319. Dan il-proviso jipprovdi li l-Qorti għandha, jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha li tisma' u tiddeċiedi kull talba dwar allegat ksur ta' drittijiet fundamentali f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi ordinarja oħra.

Qabel xejn, jigi senjalat li l-eċċepjenti eċċepew l-intempestività tal-kawża fl-istess kuntest tal-eċċezzjoni tagħhom dwar in-non eżawriment ta' rimedji ordinarji. Madanakollu, dawn huma żewg eċċezzjonijiet distinti billi l- intempestività tirreferi għall-ħtieġa o meno li wieħed jistenna l-konklużjoni tal-proċeduri ordinarji kollha qabel ma jiġi investigat ilment taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jew l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Madanakollu, stante li jidher minn qari tal-eċċezzjonijiet in kwistjoni li l-eċċepjenti qegħdin jinvokaw l-imsemmi proviso, hija din id-diskrezzjoni tal-Qorti li ser tiġi hawn trattata.

Il-Qorti tqis illi f'din il-kawża għandha tibda billi tenfasizza li huwa stabbilit fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna li l-funzjoni ta' din il-Qorti m'hijiex dik ta' qorti ta' reviżjoni ta' sentenzi ta' qrati oħra. Kif spjegat il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza

tagħha fl-ismijiet Mark Lombardo et vs Kunsill Lokali tal-Fgura et, deċiża fit-8 ta’ Jannar 2010:

*“Din il-Qorti tibda biex tirrileva li hi ma tistax u m’ghandhiex isservi bhala Qorti tat-tielet istanza, u m’ghandiex tirrevedi l-proceduri ta’ quddiem il-Qrati Ordinarji jew l-analizi tal-fatti li dawn ikunu ghamlu, biex sempliciment timponi l-opinjonijiet taghha flok dawk tal-Qrati Ordinarji. Din mhix il-funzjoni ta’ din il-Qorti (u anqas tal-Prim Awla fil-kompetenza taghha kostituzzjonali). Li trid tara din il-Qorti huwa jekk id-decizjoni tal-Qrati Ordinarji, fil-kuntest tal-fattispecie ta’ dan il-kaz, ittiehditx b’mod li gew lezi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti*.”

L-istess Qorti fis-sentenza tagħha fl-ismijiet J.E.M. Investments vs Avukat Ġenerali, tat-30 ta’ Settembru 2011 ddikjarat:

*“23. Illi kif tajjeb osservat il-Prim’Awla (Sede Kostituzzjonali), u fuq dan jaqblu l-intimati u anke s-socjetà rikorrenti, id-dritt ghas-smigh xieraq ma jiggarantix il-korrettezza tas-sentenzi fil-<u>meritu</u> izda jiggarantixxi biss l-aderenza ma' certi <u>principji procedurali</u> (indipendenza u imparzjalità tal-Qorti u tal-gudikant, audi alteram partem u smigh u pronuncjament tas-sentenza fil-pubbliku) li huma konducenti ghall-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja. Il-funzjoni tal-Qorti, fil-gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha, m'hijiex illi tirrevedi s-sentenzi ta’ Qrati ohra biex tghid jekk dawn gewx decizi ‘sewwa’ jew le, izda hija limitata ghall-funzjoni li tara jekk dawk is-sentenzi kisrux il-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni Ewropea.*

*24. Effettivament il-Qorti Ewropea dwar Drittijiet tal-Bniedem dejjem sostniet li:*

*a. “The question whether proceedings have been ‘fair’ is of course quite separate from the question whether the tribunal’s decision is correct or not. As the Commission has frequently pointed out under its so called “fourth instance formula”, it has no general jurisdiction to consider whether domestic courts have committed errors of law or fact, its*

*function being to consider the fairness of the proceedings". (**Application 6172/73, X v. U.K.**)."*

Il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Emmanuel Camilleri vs Avukat Ġenerali, tat-28 ta' Ġunju 2012, irriteniet:

*"Illi huwa opportun hawnhekk li l-Qorti taghmel referenza ghal ktieb ta' **Jacobs and White**, The European Convention on Human Rights, Third Edition, fejn f'pagna 140, fejn l-awturi jikkummentaw fuq l-hekk imsejha "**fourth instance" doctrine**, u l-kuncett zbaljat li jezisti dwar is-sistema tal-Konvenzjoni Ewropea. Il-Qorti qed tislet minn dan il-ktieb dawn il-principji:*

***1. The Court has no jurisdiction under Article 6 to reopen domestic legal proceedings or to substitute its own findings of fact or national law for the findings of domestic courts.***

***2. The Court's task with regard to a complaint under Article 6 is to examine whether the proceedings, taken as a whole, were fair and complied with the specific safeguards stipulated by the Convention.***

***3. Unlike a national court of appeal, it is not concerned with the questions whether the conviction was safe, the sentence appropriate, the award of damages in accordance with national law, and so on.***

***4. And a finding by the Court that an applicant's trial fell short of the standards of Article 6 does not have the effect of quashing the conviction or overturning the judgement, as the case may be.***

***5. The Court calls this principle the 'fourth instance' doctrine, because it is not to be seen as a third or fourth instance of appeal from national courts.**"*

Finalment, kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Emanuel Camilleri vs Spettur Louise Calleja et, tad-29 ta' Settembru 2016:

*"Illi l-Qorti tibda biex tgħid li huwa stabbilit li bil-kliem 'smigħ xieraq' wieħed jifhem li l-proċess ġudizzjarju jkun tmexxa b'ħarsien tar-regoli stabiliti fil-Konvenzjoni. Għalhekk, is-setgħat ta' din il-Qorti fil-kompetenza li fiha tressqet quddiemha l-kawża tar-rikorrent mhuwiex dak li tagħmilha ta' qorti ta' appell fuq il-Qrati ta' kompetenza kriminali li quddiemhom instema' l-każ tar-rikorrent u li taw is-sentenzi li minnhom jilminta. F'dan ir-rigward, xogħol din il-Qorti huwa dak li tara li ma seħħx ksur ta' xi jedd imħares mill-Konvenzjoni, u mhux li tara jekk is-sentenzi tal-qrati l-oħra li dwarhom jilminta r-rikorrent qatgħux sewwa l-mertu li kellhom quddiemhom."*

Dwar l-eċċezzjoni tan-non eżawriment ta' rimedji ordinarji, din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Edgar Publio Bonnici Cachia vs Avukat Ġenerali, tad-29 ta' April 2014, elenkat is-segwenti prinċipji li jemerġu mill-ġurisprudenza li għandhom jiġu segwiti minn Qorti biex tqis jekk huwiex minnu li rikorrent kellu għad-dispozizzjoni tiegħu rimedju alternattiv effettiv:

*"(a) Meta jidher car li jesistu mezzi ordinarji disponibbli biex jikseb rimedju ghall-ilment tieghu, ir-rikorrent ghandu jirrikorri ghal dawk il-mezzi, qabel ma jirrikorri ghar-rimedju kostituzzjonali, u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-mezzi jew wara li jidher li dawk il-mezzi ma jkunux effettivament disponibbli li ghandu jintuza r-rimedju kostituzzjonali.*

*(b) Ghandha torbot id-diskrezzjoni tal-Qorti biex tqis jekk ghandhiex twettaq is-setghat taghha li tisma' kawza ta' natura kostituzzjonali, sakemm ma tingiebx xi raguni serja u gravi ta' illegalità, ingustizzja jew zball manifest fl-uzu taghha.*

*(c) Ma hemm l-ebda kriterju stabbilit minn qabel dwar l-uzu ta' din id-diskrezzjoni, billi kull kaz irid jitqies fuq il-fatti u c-cirkostanzi tieghu.*

*(d) In-nuqqas wahdu ta' tehid ta' mezzi ordinarji mir-rikorrent mhuwiex raguni bizzejjed biex Qorti ta' xejra kostituzzjonali tiddeciedi li ma tuzax is-setghat taghha li tisma' l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija mezzi ma kinux tajbin biex jaghtu rimedju shih lir-rikorrent.*

*(e) In-nuqqas ta' tehid ta' rimedju ordinarju – ukoll jekk seta' kien ghal kollox effettiv biex jindirizza l-ilment tar-rikorrent - minhabba l-imgieba ta' haddiehor m'ghandux ikun raguni biex il-Qorti ma tezercitax is-setghat taghha li tisma' l-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent.*

*(f) L-ezercizzju minn Qorti tal-ewwel grad tad-diskrezzjoni taghha bla ma tistharreg il-materja necessarja li fuqha tali diskrezzjoni ghandha titwettaq, jaghti lil Qorti tat-tieni grad is-setgha li twarrab dik id-diskrezzjoni.*

*(g) Meta r-rimedju jaqa' fil-kompetenza ta' organu iehor jew meta s-smigh tal-ilment tar-rikorrent sejjer iwassal biex l-indagni gudizzjarja u l-process l-iehor tas-smigh tar-rimedju ordinarju jkunu duplikazzjoni ta' xulxin, il-Qorti kostituzzjonali ghandha ttendi lejn ir-rifjut li tuza s-setghat taghha kostituzzjonali, sakemm l-indagni gudizzjarja tal-kaz ma tkunx, min-natura taghha, ixxaqleb izjed lejn kwistjoni kostituzzjonali.*

*(h) Fuq kollox, l-uzu tad-diskrezzjoni ghandha tigi ezercitata bi prudenza, u b'mod li fejn jidher li hemm ksur serju ta' drittijiet fondamentali jew anke fejn sejjer ikun hemm ksur ta' dawk id-drittijiet, allura l-Qorti ghandha xxaqleb lejn it-twettiq ta' dawk is-setghat."*

Applikati dawn il-prinċipji għall-kawża tal-lum, din il-Qorti tqis illi l-intimat u l-kjamati fil-kawża għandhom raġun fl-eċċezzjoni tagħhom. L-ilment tar-rikorrenti dwar l-isfilz tad-deposizzjoni tax-xhieda ta' Dr. Charles Gauci jeħtieġ indaġni li issa tispetta lill-Qorti tal-Appell li hija adita b'kompetenza ordinarja li

tiddetermina jekk dak li qed jallegaw ir-rikorrenti huwiex minnu. Ma hemm xejn li jinduċi lil din il-Qorti biex tikkonkludi li l-Qorti tal-Appell m'għandhiex il-kompetenza biex tiddetermina jekk il-proċess kienx vizzjat minħabba mankanzi serji proċedurali fis-smigħ tal-kawża. Il-fatt li l-ewwel Qorti ma tikkonċedix lir-rikorrenti l-fakoltà li jappellaw minn digriet qabel is-sentenza finali ma jfissirx illi dan ir-rimedju mhuwiex wieħed effettiv kif donnhom qed jippretendu r-rikorrenti.

Meta wieħed iqis l-ilmenti kollha sollevati, din il-Qorti hija tal-fehma li ma hemm xejn li jipprekludi lill-Qorti tal-Appell milli tħassar id-digriet tas-6 ta' Jannar 2018 jekk jirriżulta li l-proċedura segwita mill-ewwel Qorti ma kinetx korretta. Kwindi, ir-rikorrenti għad għandhom rimedji ordinarji effettivi sabiex jindirizzaw l-ilmenti tagħhom liema rimedji li għadhom ma ġewx eżawriti.

Huwa ċar li r-rikorrenti qegħdin, permezz ta' din il-kawża, sempliċiment jistiednu lil din il-Qorti sabiex tidħol fil-mertu tal-proċeduri li jilmentaw dwarhom għaliex ma qablux mad-deċiżjoni ta' dik il-Qorti. Iżda l-proċedura korretta ċertament mhijiex kawża kostituzzjonali fuq smigħ xieraq bħal donnu kull min ma jaqbilx ma deċiżjoni tal-Qorti b'daqshekk ikun ġie leż id-dritt fundamentali tiegħu.

Id-dritt għal smigħ xieraq ma jinkludix fih id-dritt illi r-rikorrenti jingħataw deċiżjoni b'mod illi huma jqisu li huwa ġust u li jaqblu magħha. Il-fatt illi ma qablux mad-digrieti tal-Qorti ma jfissirx illi ġie leż id-dritt tagħhom għal smigħ xieraq.

Huwa paċifiku li rikorsi Kostituzzjonali huma, min-natura tagħhom, speċjali u straordinarji u meta hemm soluzzjoni effettiva, dik is-sistema ordinarja trid tiġi użata u adottata qabel ma l-istat, jew l-amministrazzjoni tiegħu, jiġi akkużat bi ksur ta' drittijiet fundamentali. Ma jistax jingħad li l-istat ikun kiser id-drittijiet fundamentali taċ-ċittadin meta liċ-ċittadin ikunu provduti u hemm disponibbli għalih rimedji għal-lanjanzi tiegħu (Alexander Barbara vs L-Avukat Ġenerali, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-29 ta' Novembru 2018).

Il-proċeduri kostituzzjonali u taħt il-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta mhumiex intiżi biex jerġa' jiġi eżaminat il-mertu ta' kawżi, iżda huma limitati sabiex jiġi determinat jekk kienx hemm leżjoni ta' dritt fundamentali fil-kors, jew b'riżultat, ta' dawk il-proċeduri.

F'dan il-każ ma kien hemm l-ebda nuqqas fil-proċedura li jwassal għal-leżjoni tad-drittijiet tar-rikorrenti għal smigħ xieraq. Meta wieħed jagħsar l-ilmenti tar-rikorrenti jirriżulta li huma qegħdin sempliċiment jistiednu lil din il-Qorti tinvestiga dak deċiż fil-proċeduri in kwistjoni. Dak li qegħdin jilmentaw dwaru r-rikorrenti ghad jista' jiġi revokat u mħassar mill-Qorti tal-Appell.

B'żieda ma dan kollu, jirriżulta li x-xhud in kwistjoni reġa xehed viva voce u r-rikorrenti kellhom l-opportunità jagħmlulu d-domandi tagħhom mill-ġdid. Dan mhuwiex każ fejn ir-rikorrenti ġew mċaħħda milli jresqu xi xhud. Il-garanziji proċedurali li jitlob d-dritt għal smigħ xieraq ġew rispettati u ċertament ma kien hemm l-ebda ksur tal-prinċipju tal-*equality of arms*. Li tiġi sfilzata xhieda li ma tkunx ittieħdet skont il-liġi tal-proċedura ma jfissirx li kien hemm ksur tal-*equality of arms* jekk dak ix-xhud jerġa jixhed b'mod regolari. Ir-rikorrenti naqsu milli juru kif fil-fatt ġew żvantaġġjati. Jidher li x-xhieda kontestata kienet dwar ittra ta' terz li skont ir-rikorrenti ma setax jiġi rintraċjat sabiex jixhed huwa stess dwar il-kontenut tal-imsemmija ittra. Madanakollu, li xhud ma jitħalliex jixhed *detto del detto* ċertament ma jfissirx li ġew leżi d-drittijiet fundamentali tal-parti li tkun ressqet dak ix-xhud.

Għalhekk għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi tiddeklina milli teżerċita s-setgħat tagħha fit-termini tal-proviso tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4(2) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta u b'hekk tilqa' din l-eċċezzjoni sollevata mill-intimati u mill-kjamati fil-kawża billi jirrizulta li r-rimedji ordinarji disponibbli ghar-rikorrenti għadhom ma ġewx eżawriti.

Konsegwentement, teħles lill-intimati u lill-kjamati fil-kawża mill-osservanza tal-ġudizzju.

L-ispejjez jitħallsu mir-rikorrenti.

IMHALLEF

DEP/REG